MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 827/2012

**Giovanna armla minn Nazzareno Vassallo, Carmela armla minn Rocco Debono, Vincenzo Vella u Gio Maria Vella kemm personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Domenica armla minn Eric Stansfield, Theresa mart Costantino Debono u Emanuel Vella; u Pasquale sive Pasqualino Debono u Mary armla minn George Micallef; u Maria mart Paul Caruana, Vincent Debono u Gio Maria Debono; u il-Kongregazzjoni tal-Bon Pastore; u Nicola Bonanno, Vincenzo sive Vincent Bonanno, Salvina Bonanno u Maria Carmela Bonanno; u Giuseppa armla minn John Debono, Domenic Galea, Nazzareno Galea, Francesco Galea, Nikolina mart Vincenzo Abdilla, Alfred Mario Galea, u Emanuel Galea kemm f'ismu personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Vincent Galea u Joseph Galea; u Maria Debono u Angela Debono; Filomena armla minn Franceso Debono, Maria mart Joseph Vella, Nikolina mart Annunziato Cilia, Joseph Debono, Giovanna Antida sive Joan legalment separata minn John Grima, Esther mart**

**Raymond Sant u Stephen Debono; u Maria Debono u Vincenzo sive Vincent Debono kemm personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Nikolina mart John Walker**

**Vs**

**Dr Joseph Ellis u PL Pauline Mallia bhala kuratur deputati nominati b'digriet tal-14 ta' Frar 2013 sabiex jirraprezentaw lis-sidien mhux maghrufa ta' sehem sebgha minn sittax-il parti (7/16) tal-fond 367, Main Street, Mosta**.

Din il-procedura qeghda ssir ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodici Civili bil-ghan li jigi awtorizzat il-bejgh tal-fond 367, Main Street, Mosta. Dan il-fond kien ta' Maria Concetta Debono u ohtha Consolata Vella li kien gie assenjat lilhom b'att ta' divizjoni pubblikat fid-19 ta' Marzu 1909 min-nutar Dr Giuseppe Chetcuti.

Ir-rikorrenti ppremettew li li huma proprjetarji ta' disgha minn sittax-il parti indiviza mill-fond meritu tar-rikors, peress li wirtu s-sehem ta' nofs indiviz minghand Maria Concetta Debono u s-sehem ta' parti wahda minn sittax minghand Consolata Vella. Inoltre skond l-ahhar testment ta' Consolata Vella li sar fl-atti tan-nutar Dr Giuseppe Chetcuti fil-11 ta' Awissu 1909 kif korrett b'testment fl-atti tal-istess nutar fl-14 ta' Frar 1921, bhala werrieta nnominat lil diversi persuni ghar-rimanenti sehem ta' sebgha minn sittax-il parti indiviza. Iddikjaraw li llum il-gurnata dawn il-persuni huma mejtin u m'ghandhomx taghrif dwar min huma l-werrieta taghhom.

Jirrizulta li fil-25 ta' Novembru 2011 r-rikorrenti ffirmaw konvenju ghall-bejgh tal-fond lil Sunrise Solutions Co

Limited li ghaliha deher Jean Paul Busuttil. Il-prezz pattwit hu ta’ disgha u sittin elf tmien mija u wiehed u tmenin ewro u tletin centezmu (69,881.30c).

Il-kuraturi wiegbu li m’humiex edotti mill-fatti u ghandu jinhatar perit sabiex jaghmel stima tal-fond.
Rat il-pubblikazzjonijiet li saru f’gazzetta lokali fil-11 ta’ Frar 2013 u fil-gazzetta tal-gvern fid-29 ta’ Jannar 2013.

Fil-15 ta’ Mejju 2013 il-qorti ghamlet access fil-fond oggett ta’ dawn il-proceduri, fejn ikkonstatat:-

*“i. il-fond jinsab fi stat malandat u abbandunat. Hu evidenti li ilu snin twal ma jsir xi tip ta' manutenzjoni. Dawk prezenti dddikjaraw li l-fond ilu iktar minn ghaxar snin ghall-bejgh. Hu evidenti li sabiex il-fond jigi rez abitabbli hemm bzonn ta' hafna spejjez.*
*ii. Kif tidhol fil-fond hemm kuridur, li parti minnu hu sottopost ghall-proprjeta ta' terzi. Il-kuridur jaghti ghal fuq bitha interna zghira.*
*ii. Fis-sular ta' isfel hemm zewgt ikmamar. Twieqi m'hemmx.*
*iii. Hemm tarag li jaghti ghas-sular ta' fuq fejn hemm kamra mdaqsa. Twieqi m'hemmx.*
*iv. Hemm tarag dejjaq li jaghti ghal fuq il-bejt*.”.

Li jolqtok f’dan il-fond zghir hu l-istat hazin li jinsab fih. Hu evidenti li ilu snin twal abbandunat. Ir-rikorrenti kollha qed jaqblu li jsir il-bejgh bl-imsemmi prezz. Il-qorti ma tarax l-utilita’ tan-nomina ta’ perit tekniku, gialadarba jekk ma jkunx hemm qbil l-uniku triq li jifdal hu l-bejgh b’licitazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tawtorizza l-bejgh u l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgh tal-fond 367, Main Street, Mosta lil Sunrise Solutions Co Limited ghall-prezz ta’ 69,881.30 ewro u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet tal-konvenju tal-25 ta’ Novembru 2011 u soggett li kull min ghandu xi sehem fih jiffirma l-att ta’ bejgh. Il-kuntratt ghandu jigi ppubblikat min-nutar Dr Jean Paul Farrugia fid-29 ta’ Lulju 2013 f’12.00 p.m. fil-bini tal-qorti. Dr Joseph Ellis ghandu jidher bhala kuratur ghas-sehem ta’ 7/16,**

**u r-rikavat tas-sehem li qieghed jirraprezenta ghandu jigi depozitat fil-qorti fi zmien hmistax-il jum mill-pubblikazzjoni tal-att. Kopja tac-cedola ta’ depozitu ghandha tigi pprezentata mill-kuratur fl-atti ta’ dawn il-proceduri, fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data tad-depozitu. B’dan li l-kuratur qieghed jigi awtorizzat li mir-rikavat jiehu d-dritt dovut lilu u lil PL Pauline Mallia u taxxa li tista’ tkun dovuta mal-pubblikazzjoni tal-att relattiv fuq dak is-sehem.**

**Spejjez jinqasmu bejn il-partijiet skond is-sehem li kull wiehed ghandu fil-fond**.

**< Provediment >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------